MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 303/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Nicholas Ciappara)**
**Vs**
**Vincent Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
a) f’dawn il-Gżejjer matul 1995 u s-sitt xhur ta’ qabel it-12 ta’ Diċembru u t-tnax-il xahar ta’ qabel l-4 ta’ Jannar 1998 kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina w d-droga kokaina speċifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta), meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba’ w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-

droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) f'dawn il-Gżejjer fil-11 ta' Novembru 1996, kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-Raba' w is-Sitt Taqsima tal-Ordinanza w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija w meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu w naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39), kif sussegwentement emendati w bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta); f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu tiegħu

c) f'dawn il-Gżejjer matul ix-xahar ta' Ottubru 1996 u fil-perjodu ta' bejn il-15 ta' Novembru 1997 u l-4 ta' Jannar 1998, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina w id-droga kokaina speċifikati fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta), lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga w ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija w mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li

jforni d-droga msemmija w mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga w dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

d) uża, ttrasferixxa l-pussess ta', bagħat jew ikkonsenja lil xi persuna jew post, akkwista, rċieva, żamm, ittrasporta, ttrażmetta, oltera, ddispona minn jew b'xi mod ieħor innegozja bi kwalunkwe mod jew bi kwalunkwe mezz, xi flus, propjeta' (kemm jekk mobbli jew immobbli) jew xi rikavat minn dawk il-flus jew dil-propjeta' bil-ħsieb li jaħbi jew jikkonverti dawk il-flus jew dik il-propjeta' jew dak ir-rikavat u kien jaf jew kellu suspett li dawk il-flus, jew propjeta' kollha, jew parti minnhom, jew dak ir-rikavat, kollu jew parti minnu, kienu ġew miksuba jew rċevuti direttament jew indirettament, bħala riżultat tal-għemil tar-reat imsemmi fis-subartikolu (1) jew fil-paragrafu (A) subartikolu (1)(d) u (1)(E) tal-Artikolu 22 tal-Kap 101 jew xi att ta' kommessjoni jew omissjoni f'xi post barra minn dawn il-Gżejjer li jekk isir f'dawn il-Gżejjer jkun jikkostitwixxi reat taħt is-sub Artikolu (1) jew il-paragrafu (A) tas-sub-artikolu 1(D) tal-istess Kapitolu;

e) f'dawn il-Gżejjer matul 1-1995 u l-1996, għex għal kollox jew f'parti minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuna oħra skond l-Artikolu 7(1)(3) tal- Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) sar reċidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza simili mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 22 ta' Novembru 1996 – Awla 8;

g) ikkommetta dawn ir-reati fi/jew gewwa distanza ta' mitt metru mill- perimetru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh jew xi post simili iehor fejn normalment jitlaqghu z-zghazagh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Lulju, 2009, li biha, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) u l-proviso dwar id-distanza li jidher taht l-artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-

Kap. 101, l-artikoli 17(b), 49 u 50 tal-Kap. 9, u l-artikolu 7(1)(3) tal-Kap. 63 kollha tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni b'dan pero' li l-htija qed tinsab vis a vis d-droga eroina w mhux kokaina minhabba li ebda prova ma torbot lill-appellant mal-kokaina, sabitu hati wkoll tal-hames imputazzjoni (dwar prostituzzjoni) w illiberatu mir-raba' w mis-sitt imputazzjoni kif ukoll mill-aggravju mmarkat (g), ikkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' 18-il xahar u ghall-hlas ta' multa ta' €2000, liema multa tista' tithallas b'rata ta' mitt Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien mhux aktar minn erba' gimghat. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut f'daqqa w jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.
Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, il-Qorti ordnat lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-esperti mqabbdin matul il-proceduri izda mhux tal-esperti mqabbdin matul l-inkjesta ghaliex din saret qabel is-16 ta' Jannar, 2006.
Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn din illiberatu mir-raba' w mis-sitt imputazzjoni kif ukoll mill-aggravju mmarkat "g" filwaqt li tirrevokaha fejn sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tieni w tat-tielet imputazzjoni w b'hekk tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

- Illi in linea preliminari, n-nullita' tal-proceduri fir-rigward ta' l-akkuzi taht il-kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta stante mankanza ta' ordni ta' l-Avukat Generali rikjesta *ad validitatem* fit-termini ta' l-artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi kif ukoll tal-fatti;
- Illi stranament l-Ewwel Qorti m'ghamlet l-ebda referenza ghax-xiehda ta' Helen Bugeja li flimkien max-xhud Caroline Magri tista' tghid huma l-aktar xhieda importanti ghall-prosekuzzjoni f'din l-istanza;
- Illi f'dan ir-rigward l-appellant kellu ampja opportunita' jaghmel ir-riflessjoni tieghu dwar il-validita' o meno ta' din ix-xiehda;
- Illi in effetti l-appellant spjega dettaljatament ghaliex din ix-xhud kellha tigi skartata. Spjega kif attwalment, f'kawza ohra fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Jesmond Farrugia deciza nhar il-15 ta' Dicembru, 2008, kawza li kienet titratta fuq l-istess specie tal-kaz, il-Qorti skartat ghal kollox lil din ix-xhud ghax qisitha inaffidabbli;
- Illi minhabba f'dan ghalhekk ghandu jigi prezunt illi l-Ewwel Qorti m'ghamlet l-ebda osservazzjonijiet fuq dan ix-xhud peress li ma kienitx qed taghtiha ebda tip ta' affidament. Dan jaghmel sens peress li wara kollox, din ix-xhud, tista' tghid giet skreditata ghal kollox mill-partner taghha Salvu Gauci li ddepona fis-17 t'April, 2002 a fol. 125 et sequitur;
- Illi minhabba f'dan kollu ghalhekk l-appellant ma jhossx li ghandu jikkummenta ulterjorment fuq it-testimonjanza ta' din ix-xhud;
- Illi minhabba f'dan kollu ghalhekk l-unika xhieda li fuqha setghet tistrieh l-Ewwel Qorti kienet dik ta' Caroline Magri;
- Illi din Caroline Magri, kif intqal, dehrilha li kellha taghmel stqarrija guramentata kontra l-appellant fit-3 ta' Gunju, 1998. It-tezi tad-difiza kienet u ghadha li l-uniku skop ta' dan kollu kien sabiex din tivvendika ruhha mill-appellant minhabba f'konflitti personali;
- Illi in effetti, din ix-xhud wara, fit-12 ta' Mejju, 2000, fis-26 ta' Lulju, 2001 u l-25 ta' Settembru, 2001, persistentement cahdet il-fatti minnha mistqarra fl-istqarrija taghha w f'dawn it-tlett okkazjonijiet differenti baqghet tghid li ghamlet ghamlitu biss bhala vendetta;
- Illi jidher illi meta xehdet ma kienet taht l-ebda forma ta' pressjoni imma xehdet liberament;

- Illi d-difiza taqbel u temmen li kien jispetta lill-prosekuzzjoni tittanta tikkonfronta lil din ix-xhud ma' l-istqarrija li tkun ghamlet qabel u anke okkorrendo tiddikjaraja bhala xhud ostili;
- Illi madankollu pero', l-appellant ghandu fejn jikkritika ghal mod ta' kif il-prosekuzzjoni idderigiet il-proceduri fil-konfront ta' din ix-xhud. Huwa diga' hafna li xhud tittella' tiddeponi darbtejn, ahseb u ara li din tingieb tiddeponi adirittura erba' darbiet;
- Illi mbaghad din ix-xhud regghet ittelghet tixhed ghar-raba' darba. F'din l-okkazjoni regghet saritilha pressjoni kbira mill-prosekuzzjoni. Din giet imwissija w mbezzgha li minhabba dak li kienet stqarret quddiem l-istruttur, kienu se jittiehdu proceduri ta' spergur fil-konfront taghha. Din naturalment, sabiex tehles, qabdet u kkonfermat l-istatement li kienet ghamlet;
- Illi bid-dovut rispett, f'dawn ic-cirkostanzi, m'ghandux ikun hemm dubju li din ix-xhud m'hi xejn attendibbli;
- Illi huwa minnu li fit-termini ta' l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed, pero' bid-dovut rispett, xhud li tbiddel il-verzjoni taghha konsistentement u li tindika li l-iskop taghha wara kollox kien li tivvendika ruhha mill-esponent, zgur li ma tistax titqies bhala xhud attendibbli w li x-xiehda taghha ghandha titqies bhala "unsafe";
- Illi l-isfortuna hi li f'dawn il-proceduri il-Magistrat li ta l-gudizzju finali ma kienx l-istess wiehed li sema' x-xiehda *viva voce*. Kieku kien l-istess wiehed kien ikun f'posizzjoni ahjar li japprezza ferm aktar il-komportament xejn xieraq u konsistenti ta' din ix-xhud;
- Illi minhabba f'dan kollu ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, w tenendo kont it-tip ta' testimonjanza mghottija, l-Qorti kellha tuza ferm aktar kawtela;
- Illi l-appellant ihoss li ghandu wkoll jirreferixxi lil din il-Qorti ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Grech deciza mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-7 ta' Marzu 1953 per Imhallef Harding";
- Illi din is-sentenza hija relevanti ghal dan il-kaz peress li si tratta dwar kredibbilita' ta' xhieda senjatament dik ta' prostituti. Din ix-xhud hija *ex-admissis* prostituta;

- Illi minn din is-sentenza naraw li kienet il-fehma tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali li prostituti, minhabba fil-promiskwita' taghhom huma diga' propensi ghad-deformazzjoni tal-verita'. Mela anke minhabba dan il-fattur biss, il-Qorti missha diga' uzat aktar kawtela w mhux sempliciment qaghdet fuq l-ahhar xiehda taghha fejn din, sempliciment biex tehles, ikkonfermat ix-xiehda taghha;
- Illi l-appellant jaghmel ukoll referenza ghall-kwistjoni ta' tfittxijiet li saru mill-Pulizija fid-9 ta' Novembru, 1996 u fis-6 ta' Jannar, 1998;
- Illi dak li nstab fir-residenza ta' l-appellant mod ma hu marbut mar-reat ta' spaccar ta' droga, imma se mai huwa indikattiv ma' l-uzu w l-abbuz ta' l-istess droga;
- Illi l-Qorti tidher li tat piz lil dak li sab is-Supratendent Neil Harrison waqt tfittxija li saret fl-inhawi ta' putirjal hdejn Philip's Bar. Hawn instabu xi qratas tad-droga eroina mohbija go borza tal-plastik. Bid-dovut rispett, m'hemm assolutament xejn li jorbot lanqas remotament lill-appellant ma din is-sejba.

Rat il-verbal tal-15 t' Ottubru, 2009, li bih l-appellant irtira l-ewwel aggravju tieghu dwar in-nullita' tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi stante li l-ewwel aggravju gie rtirat mill-appellant, dan l-appell issa hu bazat biss fuq l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti w li ghab-bazi tieghu sabet lill-appellant hati.

Issa, kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, izda taghmel ezami approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq

il-fatti li jkunu rrizultawlha  setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta’ ligi w ta’ ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx wahda *“safe and satisfactory”* fid-dawl tar-rizultanzi.

“Illi appropositu ta’ dan, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza “R. v. Cooper” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.”* (Ara wkoll BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392)

Illi dan il-principju gie dejjem applikat fil-gurisprudenza recenti anki ghall-kazijiet fejn l-apprezzament tal-fatti li kontra tieghu jkun qed isir appell, ikun sar mill-Magistrat togat fil-kaz t’appelli minn decizjonijiet tal-Qrati tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Ikkonsidrat;

Illi l-appellant jilmenta li l-unika xhud li ddeponiet kontra l-appellant Caroline Magri ma kellhiex tigi emmnuta ghaliex l-uniku skop li kellha meta ghamlet l-istqarrija guramentata fit-3 ta’ Gunju, 1998 kien sabiex hi tivvendika ruha mill-appellant minhabba konflitti personali. Jghid li dan ammettietu l-istess xhud  meta xehdet u cioe’ fit-12 ta’ Mejju, 2000, 26 ta’ Lulju 2001 u 25 ta’ Settembru, 2001, fejn stqarret li dak li ghamlet kienet ghamlitu biss ghal

vendetta. Meta umbaghad xehdet ir-raba darba giet imwissija w mbezza' li minhabba dak li kienet stqarret quddiem il-Magistrat, kienu ser jittiehdu proceduri kontra taghha ghal spergur. Jilmenta wkoll li ladarba din ix-xhud *"ex admissis*" hi prostituta, allura skond sentenza tal-Qorti Kriminali (li dak iz-zmien kienet tiddeciedi appelli mill-Qrati tal-Magistrati) tas-sena 1953, wiehed kellu iqis b' kawtela d-depozizzjoni taghha ghaliex il-prostituti, minnhabba fil-promiskwita' taghhom huma diga' propensi ghad-deformazzjoni tal-verita'. Ghalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieh fuq ir-raba' w l-ahhar xhieda taghha.

Issa skond il-ligi procedurali dwar il-"law of evidence" taghna x-xiehda ta' xhud wiehed biss jekk emmnuta minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. (art. 638 (2) tal-Kap.9). U skond l-artikolu 636 ebda xhud ma ghandu jitqies li hu inkompetenti li jixhed ghax jew jinsab jew jistqarr li hu hati ta' reat, jew ghax ikollu xi interess fil-kawza. Il-Qrati jridu jittrattaw kull xhud b' mod indaqs u jezaminaw il-kredibilita' tieghu taht id-dawl tal-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx li x-xhud Caroline Magri ghandha tigi skreditata *a priori* semplicement minhabba l-fatt li hija prostituta konfessa.

Din il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi f' din il-kawza w qiesithom fl-assjem taghhom u mhux izolatament u separati minn xulxin. Rat ukoll is-sentenza dettaljata w motivata tal-Ewwel Qorti w ma ssib xejn x' ticcensura fir-ragunament taghha. Illi hu minnu li wara li Caroline Magri kienet iddenunzjat lill-appellant mal-Ispettur Ciappara w sussegwentement ikkonfermat l-istqarrija taghha mal-Ispettur bil-gurament quddiem il-Magistrat (illum Imhallef) A. Lofaro (fols. 48 sa 55), hi kienet bidlet il-pozizzjoni taghha meta regghet kellmet lill-Ispettur (fol. 27) u meta ittelghet tixhed f' din il-kawza. Di fatti fit-12 ta' Mejju, 2000, (fol. 27 sa 29), fis-26 ta' Lulju, 2001 (fols. 108- 110) u fil-25 ta' Settembru, 2006 (fol. 113) hi xehdet li dak li kienet qalet bil-gurament quddiem il-Magistrat Lofaro ma kienx minnu.

Pero’, meta fl-ahhar regghet xehdet quddiem il-Magistrat L. Quintano li ddecieda l-kawza bis-sentenza appellata, din regghet ikkonfermat l-istqarrija guramentata taghha *“in toto”* u spjegat ghaliex fit-tlitt okkazzjonijiet ta’ qabel kienet bidlet il-verzjoni w qalet testwalment:-

*”…meta ma kontx qed nixhed, hu kien igieghlni. Jghidli ghid li minhabba mara ghamilt hekk qalli ghax ha titfghani l-habs, qalli u inti ma tehilx habs. Jien dak ghamiltu bil-verita’. L-statement verita’.”*

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-istqarrija originali ta’ Caroline Magri, il-mod kif xehdet quddiem il-Magistrat Lofaro u l-mod kif xehdet quddiem il-Magistrat Quintano fid-9 ta’ Mejju, 2006 u, bhall-Ewwel Qorti, ma ssib ebda raguni ghala l-Ewwel Qorti ma kellhiex tistrieh fuq il-verzjoni skjetta li tohrog minn din id-dikjarazzjoni w iz-zewg depozizzjonijiet. Id-dettalji hemm moghtija mix-xhud juru bic-car li din ma kienetx xi storja vvintata fis-sahna tal-mument ghax riedet tpattiha lill-appellant ghax ratu ma xi mara ohra, imma kienet stqarrija ta’ serje ta’ fatti li kollha ghandhom mis-sewwa w li f’ certi kazi huma ukoll marbuta ma w korroborati minn evidenza ohra, bhal ma hija s-sejba tal-qratas li saret f’ Puturjal mill-Ispettur Harrison u li x-xhud ikkonfermat li kien l-appellant li kien hbiehom hemm dak in-nhar.

Illi hu vera li l-inkonsistenza fil-versjoni li jaghti xhud tista’ xi drabi twassal lill-gudikant biex jiskarta dak li jghid ix-xhud bhala mhux kredibbli. Pero’ hu risaput li hemm kazijiet fejn xhud minnhabba pressjonijiet estraneji u/jew certi relazzjonijiet interpersonali, wara li jkun qal il-verita’, jigi kostrett minn terzi persuni li jinnega dak li jkun qal. Dan il-Qrati jirriskontrawh ta’ spiss f’ kazijiet ta’ vjolenza domestika bejn mizzewgin jew ko-abitanti, f’ kazijiet ta’ ghixien minn fuq il-prostituzzjoni w partikolarment f’ kazijiet ta’ droga. Hu proprju ghalhekk f’ kazijiet tal-ahhar xorta, l-artikolu 30A tal-Kap. 101 jiddisponi li minkejja d-dispozzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali, meta persuna tkun involuta f’ xi reat kontra l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna w li tigi

konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista’ tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b’ reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b’ theddid jew b’ biza’ jew b’ weghdiet jew bi twebbil ta’ vantagg.

Illi minn imkien ma rrizulta li l-istqarrija originali ta’ Caroline Magri mal-ispettur Ciappara w il-konferma taghha quddiem il-Magistrat Lofaro kienet b’xi mod tista’ tigi inficjata minnhabba xi wahda minn dawn ir-ragunijiet. Tidher li saret volontarjament u bla ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi li jistghu jinficjawha.

Hu minnu li din l-istqarrija mehuda w konfermata bil-gurament hija ammissibbli bhala prova biss ghar-reati li jaqghu taht il-Kap. 101 u mhux ukoll ghal dik li taqgha taht il-Kap. 63. Hu minnu wkoll li meta xehdet fis-6 ta’ Mejju, 2006 quddiem l-Ewwel Qorti, Caroline Mallia kienet ghaddejja proceduri ghal spergur, u li dan seta’ kkondizjonaha, pero’ din il-Qorti ma tarax li b’ daqshekk dak li xehdet bl-aktar mod skjett quddiem l-Ewwel Qorti f’ din l-ahhar okkazzjoni ma kienx attendibbli w li b’ daqshekk ma kienetx qed tghid il-verita’.

Hu minnu li l-appellant, li ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti, kif kellu kull dritt li jaghmel, cahad li hu kien biegh xi droga ghalkemm ammetta li kien jipposjedi biex jikkonsma l-eroina w li kien jaghti lil haddiehor b’ xejn minnha. Pero’ f’ dan il-kaz dan ikun ukoll jammonta ghal traffikar fic-cirkostanzi imsemmija mill-istess appellant fl-istqarrija tieghu  (fol. 14 u 15).

Fejn l-Ewwel Qorti ma kellhiex provi bizzejjed dwar il-kokajina, lliberat lill-appellant u dan juri li fejn l-Ewwel Qorti kellha d-dubju, dan tatu lill-appellant.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghala ghandha tiddipartixxi mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza ben motivata taghha w

kwindi l-aggravju tal-appellant dwar l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti qed tigi respint.

Illi ma hemm ebda aggravju dwar il-piena *"ut sc"* u meta wiehed iqis il-fedina penali tal-appellant, lanqas jidher li hija b' xi mod eccessiva fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata qed tigi konfermata, b' dana pero' li l-multa tibda tithallas bil-mod rateali kif dispost fis-sentenza appellata bl-ewwel pagament ta' mitt Ewro fix-xahar isir fi zmien mhux aktar minn erba' gimghat mid-data li fiha l-appellant ikun skonta l-piena karcerarja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------